MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 2236/2000/1

***GasanMamo Insurance Agency Limited*** **bħala aġenti tas-soċjetà estera *CGU Insurance plc* ta' Perth, Scotland, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Martin Baron skond il-liġi u skond il-polza ta' assikurazzjoni**

***Versus***

**Andrew Bugeja**

Din il-kawża hija dwar ħabta bejn żewġ bċejjeċ tal-baħar. Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-20 t'Ottubru 1998 il-*yacht* ta' Martin Baron jismu *Eloise Sade*, li kien marbut il-Port il-Kbir f'Xatt ir-Risq, intlaqat mid-dgħajsa tas-sajd jisimha *Carmela* u saritlu ħafna ħsara. Dan l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, li kien qiegħed isuq id-dgħajsa tas-sajd bla għaqal. Is-soċjetà attriċi għamlet tajjeb għall-ħsara taħt polza ta' assikurazzjoni u ħallset ħamest elef, disa' mija u tlieta u ħamsin lira (Lm5,953). Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex iħallas, is-soċjetà attriċi fetħet din il-

kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-inċident tal-20 t'Ottubru 1998 seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, tikkundannah iħallasha ħamest elef, disa' mija u tlieta u ħamsin lira (Lm5,953), flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax mid-29 ta' Settembru 2000, meta kienet preżentata ċ-ċitazzjoni.

Għalkemm il-konvenut fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu kien ikkontesta l-kawża, u ressaq l-eċċezzjoni illi hu ma jaħtix għall-inċident, għax il-*yacht* ma ntlaqatx mid-dgħajsa tiegħu, u ikkontesta wkoll il-*quantum* tad-danni, b'nota tad-9 ta' Ġunju 2006 illi ippreżentaw flimkien il-partijiet qalu illi huma ftiehmu "li l-kawża tiġi deċiża fuq bażi ta' ammissjoni tal-konvenut".

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża fuq ammissjoni tal-konvenut billi, wara li tgħid illi l-inċident tal-20 t'Ottubru 1998 seħħ bi ħtija tiegħu, tikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi ħamest elef, disa' mija u tlieta u ħamsin lira (Lm5,953), flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------